VALLETTA
*Città Umilissima*

# KUNSILL LOKALI
# L-BELT VALLETTA

# RAPPORT AMMINISTRATTIV
# 2016

## Introduzzjoni

Is-sena 2016 kienet waħda impenjattiva ħafna. Il-missjoni ewlenija tal-Kunsill Lokali li qed immexxu hi li jingħata l-aħjar servizz kemm lir-residenti kif ukoll lill-Maltin kollha bħala Belt Kapitali.

Wettaqna diversi xogħolijiet u nibqgħu ninvestu fil-Lokalità tagħna. Dan jirrikjedi li nwettqu xogħolna bl-aktar mod responsabbli. Ta' kuljum inwettqu xogħol ta' manutenzjoni skont l-esiġenzi, kif ukoll xogħolijiet infrastrutturali oħra sabiex inżommu u nagħtu dehra mill-isbaħ il-postijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħna.

Dwar dan kollu nagħti dettall aktar il-quddiem f'dan ir-rapport.

## Attendenza

Minn Jannar 2016 sa Diċembru 2016:

| Isem | Attenda | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Alexiei Dingli | 12 | 0 | 0 |
| Christian Darren Micallef | 11 | 1 | 0 |
| Norman Shaw | 9 | 3 | 0 |
| Raymond Attard | 0 | 1 | 5 |
| Raymond Azzopardi | 9 | 3 | 0 |
| Vincent Fabri | 12 | 0 | 0 |
| Vincent Farrugia Lauri | 8 | 4 | 0 |
| Mario Camenzuli | 6 | 0 | 0 |

## Proġetti Infrastrutturali

Fi Triq San Pawl sar *refreshing*.

Il-madum ta' St Christopher Street c/w St Paul's Street ġew irranġati bl-għajnuna ta' l-VRP.

Sar tranġar tal-*parking* ġewwa Hastings u għalhekk żdiedu numru ta' parkeġġi.

Sar *reorganisation* ta' Triq Sant'Ursola; linji ħodor, tneħħa l-inkonvenjent lir-residenti li ma setgħux jaċċessaw darhom kif ukoll saru *bollards* fejn hemm bżonn.

Sar *uplifting* ta' *central strip* quddiem il-*gunpost*.

F’Jannar sar xoghol ta’preparamenti ghal festa ta’ San Pawl -tisswijiet ta bankini,pachings,refreshings ta’ zebgha fit toroq,tiswwijiet u tigdid ta’tabelli.

Fi Frar saru preparamenti ghall Karnival fejn inqallaw tabelli biex setghu jghaddu il-karrijiet tal-karnival.

F’Marzu saret preparazzjoni as sajf ,tisswijiet ta’hadid li tkun tqaccat bil maltemp bhal pugamani,arbli u tabelli,kif ukoll pachings ta hofor.

F’April tkompla ix xoghol ma dawra tal bahar fejn tpoggew hand railings godda.Tisswijet saru ukoll ta’ bankini gewwa St Domenics,triq sant ursola,triq San kristofru,triq il-Merkanti, triq San Pawl.

F’Mejju twahhlu is-slillen mad dawra tal-bahar,tizbieh fil gonna,zebgha tal-bankijjiet kif ukoll zebgha tal hadid ta’dawra ta hastings.

F’Gunju saru preparamenti ghall- festa tal-karmnu.Saru tisswijiet ta bankini,refreshing ta zebgha ta toroq madwar west street, old mint street, triq it-teatru L-antik, triq l- Arcisqof u triq San Gwann.

F’lulju issir il fest tal-Karmnu saru tisswijiet tal-bankini u tabelli godda,kif ukoll saru preparamenti ghall- festa ta San Duminku u pachings fi triq il- Merkanti,St Nicholas, triq san Guzepp,triq l-isptar kif ukoll old Bakery Street.

F’Awissu issir il festa ta San Duminku saru tisswijiet fil bandli fejn sar dawl gdid u inzebghu il- bankijiet tal- hadid.

F’Settembru sar tindif ta’kalverts kif ukoll tiswijiet ta’ tabelli.

F’Ottubru saru preparamenti ghan Notte Bianca kif ukoll xi tiswijiet fuq il kalverts.

F’Novembru jitkompla xoghol fuq bankini tigdied ta’ tabelli u tindif ta’kalverts.

F’Decembru saru preparamenti ghall-milied u l-ewwel ta’ sena,xoghol ta’ bollards, refreshing ta zebgha fit-toroq kif mirja fil-kantunieri kif ukoll gew imwahhlin xi tabelli godda.

**<u>Indafa u tisbiħ fil-Belt tagħna</u>**

Wara li *tenders* tat-tindif ġew approvati, saret laqgħa mal-kuntrattur biex jsiru *cameras* f’postijiet fejn qed isiru abbużi.

Meta t-*tenders* tal-ġbir ta' l-iskart kienu *in order,* fl-1 ta' Awissu tneħħew l-*iskips* kif ġie mitlub mill-Ministeru tat-Turiżmu.

Saru laqgħat frekwenti ma' *Valletta Services Directorate* dwar xogħol ta' tisbiħ fil-Belt.

## Edukazzjoni

Organiżżajna *courses* tal-kompjuter ma' TCTC.

Il-Kunsill tagħna għen lil *Teen Klabb* b'għotja ta' €650.00 biex jkomplu bil-ħidma mat-tfal.

## Safar

Is-Sindku pparteċipa f'konferenza ġewwa Amsterdam.

Fl-24 ta' Mejju 2016, il-Kunsillier Vincent Fabri għamel żjara fiċ-Ċina. Hu ġie akkumpanjat mill-*Permanent Secretary* tal-Ministeru tat-Turiżmu kif ukoll minn persuni oħra mill-MTA.

Il-Minority Leader Dr Norman Shaw, f'Mejju 2016 għamel żjara f'Pariġi bħala parti mill-proġett ta' *InterCultural Cities*.

Fl-24 ta' Ġunju l-Kunsill organiżża ġita ta' ġurnata għar-residenti Beltin ġewwa Sqallija.

F'Ġunju 2016, il-Kunsillier Vincent Farrugia Lauri flimkien mas-Segretarja għamlu żjara fi Vienna. Dan huwa parti mil-proġett ta' *InterCultural Cities*.

F'Novembru s-Sindku żar Firenze dwar *twinning* ma' din il-Belt.

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mat-*Town Centre Manager* attendew konferenza dwar FECC ġewwa Leuven.

## *Tenders*

Ġew sottomessi *tenders*. Dawn kienu:

1. *Tender for the sweeping of streets and pavements in resident areas.*
2. *Tender for the collection of mixed household waste (residential areas)*
3. *Tender for the collection of mixed household waste (commercial areas)*
4. *Tender for the collection of bulky refuse*
5. *Tender for the provision of legal services*
6. *Quotation for the Supply and Installation of benches at Peacock Gardens*
7. *Tender for Architectural Servises*

***Bye Laws***

Wara li ġiet sottomessa l-applikazzjoni tad-*Devolution* tal-Ġnien ta' Ħastings, fuq parir tad-Dipartiment, ġiet preżentata *byelaw* biex l-ġnien jkun jista jinkera.

**V18**

Saret konferenza mill-Valletta 2018 dwar *Cities as Community Spaces* fejn il-Kunsill kien mistieden jattendi.

**Devoluzzjoni**

Saret applikazzjoni ta' Devoluzzjoni tal-*Cafe Premier* biex dan isir l-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill tal-Belt.

**Ġemellaġġ**

Bdew negozjati biex isir ġemellaġġ ma' Sevastopol fir-Russja.

**Jum il-Belt – 450 sena anniversarju**

Fl-aħħar ta' Marzu u bidu ta' April saru attivitajiet biex ġie ċelebrat l-450 sena anniversarju tal-fondazzjoni tal-Belt Valletta. Nhar it-Tnejn 28 ta' Marzu 2016 saret quddies u tqegħid tal-kuruni. Filgħodu, nhar is-Sibt 2 ta' April 2016, kelna daqq mil-baned u sar tqegħid ta' kuruni mal-Monument ta' Papa Piju u mal-Monument De Vallette. Wara nofsinhar imbagħad saret *reception* u għotja tal-premijiet.

Saru sensiela ta' kunċerti f'kull parroċċa bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet.
Din is-sena ukoll bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet saret attività għall-anzjani l-Mellieħa, *tournament* għaż-żgħażagħ kif ukoll attività għat-tfal f'*peacock garden*.

***Nazzareno Vassallo Award 2016***

Għal dan l-*award* ġiet nominata Carmen Piccinino għax-xogħol siewi li tagħmel fil-parroċċa.

## Attivitajiet

F'Marzu saru żewġ attivitajiet li kienu parti mill-attivitajiet tal-450 sena anniversarju.

Fis-7 ta' Ġunju 2016 saret il-*Pageant of the Seas* fejn il-Kunsill Lokali tagħna ta' l-għajnuna tiegħu għal din l-attività.

Fil-bida ta'Ġunju sar l-*opening* tal-ġnien ta' *Peacock* u ġiet organiżżata attività għat-tfal.

## Amministrazzjoni

Is-Segretarja reġgħat ġiet nominata mis-Sindku bħala rappreżentant tal-Kunsill Lokali Valletta fil-bord tas-CVA.

Ġie tterminat l-impjieg ta' Malcolm Bezzina minħabba nuqqasijiet tiegħu fil-konfront tal-Kunsill.

Inħarġet sejħa għal *Clerk Scale 15* u intagħżel Graeme Baldacchino u jkollu l-kariga ta' *Clerk – Resident Relations Officer*.

Is-Sur Tariq Shaikh ingħata l-kariga ta' *EU and International Affairs Coordinator*.

Il-Kunsillieri Vincent Farrugia beda jattendi laqgħat tar-Reġjun.

## Affarijiet Oħra

Mill-iskema ta' attivitajiet, il-Kunsill ingħata €5,000 biex isiru l-attivitajiet ta' l-450 sena anniversarju. Għalina kienet somma diżappuntanti ħafna biex isiru attivitajiet relatati ma' avveniment tant importanti.

Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet *interview* dwar l-applikazzjoni ta' A+.

Wara li saret applikazzjoni għal *co-financing* sar *interview* u ġew approvati €89,643,00 biex jitkompla l-proġett ta' *Peacock Garden* u l-proġett ta' *Sunderland*.

Il-Kunsill tagħna rebaħ *Award* mingħand *Birdlife* minħabba l-mod kif żdiedu l-għasafar fiċ-Ċentru tal-Belt.

Saru laqgħat għar-residenti f'kull parroċċa jiġifieri fil-parroċċa ta' San Pawl, San Duminku u Santu Wistin.

Wara bosta laqgħat li kellu s-Sindku ma' *Autobus de Leon* ħafna mill-problemi tranġaw.

Fuq proponiment tas-Sindku, is-suċċessur ta' Papa Piju V u s-suċċessur tal-Gram Mastru de Valette ingħataw rikonoxximent ta' Ċittadinanza Onorarja tal-Belt Valletta.

Il-Kunsill flimkien mal-Kurja ħadem sabiex tinstab soluzzjoni dwar iż-żgħażagħ li qed ikunu l-Belt fi tmiem il-ġimgħa.

Ġew sottomessi sitt applikazzjonijijiet bħala proposti għall-proġetti ERDF. Fosthom biex isir Mużew fil-kantina ta' *Cafe Premier* u għar-restawr tas-*Salinos*.

Saru tlett applikazzjonijiet għall-proġetti ta' *Interreg*. F'wieħed il-kunsill huwa *coordinator* u 2 oħra *partner*.

Il-Kunsill huwa parti mill-*Green Urban Areas Project*. Dan ifisser li ser jiġu nvestiti €30,000 fi pjanti ġo l-Belt.

## **<u>Konklużjoni</u>**

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta għas-sena 2016, liema ħidma setgħat issir biss bil-membri tat-*team* kollu tal-Kunsill.

Jingħata ringrazzjament lis-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsilliera kollha li huma l-mutur wara x-xogħol li jitwettaq ta' kuljum. Ma jonqosx ukoll ir-ringrazzjament lis-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema kollha tal-Kunsill li jagħmlu l-almu tagħhom kollu sabiex mill-aħjar li jistgħu jitwettqu l-*policies* tal-Kunsill.